**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Maġ. Jur. (Int. Law)**

Seduta: Distrett Mosta

**Illum,** 11 ta' Gunju, 2020

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**-vs-**

**Maria Dolores Montebello, detentriċi tal-Karta tal-Identita` numru 711951M**

**Amanda Montebello, detentriċi tal-Karta tal-Identita` numru 368079M**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputati Maria Dolores Montebello u Amanda Montebello u ċioe` talli:

1. Nhar l-10 ta' Marzu 2019 u fil-ġranet u xhur ta' qabel ġewwa dawn il-Gżejjer mingħajr il-ħsieb li jisirqu jew li jagħmlu ħsara kontra l-Liġi iżda biss biex jeżerċitaw dritt li jippretendu li għandhom, ġiegħlu bl-awtorita' tagħhom innfushom lil xi ħadd jħallas dejn jew jesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun jew fixklu lil Giovanna Vella, Carmela Muscat u Lorenza Vella fil-pussess ta' ħwejjiġhom u ċioe` żammew (ċwievet taż-żewġ appartamenti Ave Maria u Shalom fi Pjazza Sittax ta' Settembru, Mosta, ċwievet tal-fond numru 7 Pjazza Sittax ta' Settembru, Mosta, ċwievet ta' Flat 1 u Flat 2 li jinsabu ġewwa Victor Flats, Pjazza Sittax ta' Settembru kantuniera ma' Triq il-Lunzjata, Mosta, ċwievet tat-terran numru 101, Triq Upper Conversion, San Pawl il-Baħar, ċwievet tal-appartament

numru 103, Triq Upper Conversion, San Pawl il-Baħar, Karta tal-Identita` ta' Giovanna Vella, "blue disabled sticker" u "yellow card" ta' Giovanna Vella, set ta' televiżjoni u/jew dokumenti u/jew oġġetti oħra) b'xi mod ieħor kontra il-Liġi, jew indaħlu fi, ħwejjeġ ta' ħaddieħor.

2. Fl-istess żmienijiet, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassru jew għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor u ċioe` ħsara fuq set ta' televiżjoni liema ħsara tammonta għal madwar 195 ewro.

3. Lil Maria Dolores Montebello waħedha talli;

   fix-xahar ta' April 2019, wara li kienet avżata bil-fomm kif ukoll b'avviż bil-miktub mill-Pulizija sabiex tattendi f'Għassa tal-Pulizija tal-Mosta, naqset li tattendi f'Għassa sabies tqgħti dak it-tagħrif u/jew ġabet magħha dawn id-dokumenti li l-Pulizija kienu jinħtieġu fuq xi investigazzjoni.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat-

L-Ewwel Imputazzjoni: *Raggion fattasi*

L-ewwel imputazzjoni tirrigwarda r-reat ravvizat bl-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali.

In sostenn ta' din l-imputazzjoni xehdet biss **Carmela Muscat** u dan peress li Giovanna ma kienitx meqjusa bhala xhud kompetenti, filwaqt li Lorenza mietet ftit wara li gew istitwiti dawn il-proceduri. Ommha, Salvina, kienet rikoverata Casa Maria u skond Carmela, din tbghati bid-*dementia* w ghalhekk ma xehdietx.

Meta xehdet *viva voce,* Carmela kkonfermat li hi ma kienitx kuratrici ta' ohta Giovanna (Janey), filwaqt li quddiem il-perit legali stqarret li kienet Dr. Phyliss Aquilina li kienet il-kuratrici kemm ta' ommha Salvina kif ukoll ta' ohtha Lorenza mit-28 ta' Marzu, 2019.[1] Id-djar li ghalihom jappartjenu c-cwievet oggett tal-ewwel imputazzjoni, jappartjenu lill-ommha u *"suppost qeghdin ghand*

[1] **Dok.ASH** a fol.4

*Dr. Phylissiane [recte Phylis] Aquilina.... fid-6 ta' Dicembru, 2018 kellha tiehu c-cwievet kollha hi"* izda din infurmata li kellha informazzjoni li kienet hi stess, Carmela, li zammet ic-cwievet ghandha.[2]

Dwar ic-cwievet tirrepeti li dak li taf, tafu ghax qalulha haddiehor *"Rigward ic-cwievet, ic-cwievet kollha qeghdin ghandha. Qaltli ommi, Lorenza u anke Janey li c-cwievet kollha ghandha.[3].....Meta ghidtilha lil Lorenza Vella ghac-ciwevet qaltli jiena m'ghandix cwievet kollox ghand ohti Maria Dolores qeghdin".*[4] Tindika wkoll li ratha tiffrekwenta whud minn dawn ir-residenzi flimkien ma wiehed Tunezin jismu Mario.

Fuq il-prosekuzzjoni jaqa' l-oneru li ggib l-ahjar prova. Ghal dan il-ghan kellha titressaq bhala xhud Dr. Aquilina galadarba il-propjeta` kienet tappartjeni lil Salvina Vella li taghha kienet kuratrici.

Issir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Denise Caruana** fejn dik il-Qorti qalet hekk:[5]

> "...... kwistjonijiet dwar titolu ma jistghux ikollhom effett sabiex tigi stabbilita jew eskluza ir-reita'. Dan ghaliex dak li trid tindaga il-Qorti huwa jekk kienx jezisti stat ta' fatt li gie mibdul unilateralment minn parti wahda tant illi l-vittma ta' dan ir-reat tigi ipprivata mill-uzu jew tgawdija ta'l-oggett li kien fil-pussess taghha qabel dak l-att spoljattiv......
>
> Illi l-elementi tar-reat in dizamina gew migbura mill-Ewwel Qorti fid-decizjoni taghha, liema esposizzjoni tad-dritt hija dettaljata tant illi din il-Qorti ma ghandha ghalfejn izzid xejn iktar fir-rigward. Jigi osservat biss illi:
>
> **"Din il-Qorti tibda biex tghid li r-reat kontemplat fl-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali ma hux intiz biex jissostitwixxi l-azzjonijiet rivendikatorji jew xort'ohra li bihom dak li jkun jikseb ir-rikonoxximent tad-drittijiet tieghu fi jew fuq proprjeta`, mobbli jew immobbli.**
>
> **L-Artikolu 85 huwa intiz biex dak li jkun ma jiehux il-ligi b'idejh, u ghalhekk l-iskop wara din id-disposizzjoni – bhad-disposizzjonijiet fil-kamp civili dwar l-actio spolii – huwa li tipprotegi l-*istatus quo*.**[6]"....
>
> "Ghall-finijiet tar-reat ta' ragion fattasi 'il-pussess materjali, jew detenzjoni, hu sufficjenti ghall-avverament tal-ipotesi tal-ligi' (ara appell kriminali **Il-Pulizija vs George Zahra**, 16 ta' Lulju 1958 – Vol. XLII.iv.1453). Min ikollu oggett misluf lilu ghat-tgawdija tieghu ghandu l-pussess materjali ta' dak l-oggett. Taht l-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali ma hemm ebda bzonn li jigi ippruvat xi element ta' pussess aktar sostanzjali minn hekk.[7]" [emfazi tal-Qorti]

Issir riferenza ukoll ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Eileen Said**:[8]

---

[2] **Dok.ASH** a fol.3

[3] Ibid.

[4] **Dok.ASH** a fol.4

[5] Dec.30.11.2016 per Onor Imhallef Dr. Edwina Grima

[6] **Il-Pulizija vs Jane Scicluna** – App.Inf.

[7] Appell Kriminali **il-Pulizija vs Mario Bezzina** dec 26/05/2004

[8] Onor Imhallef Dr Joseph Galea Debono; Dec.19.06.2002; App. Nru.37/2002 JGD.

Illi l-appellanti instabet hatja tar-reat ta' "ragion fattasi" jew dak li jissejjah "the exercise of a pretended right" . Illi din l-azzjoni bazata fuq l-Artikolu 85 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta hija speci ta' zona grigja bejn il-kamp civili u dak kriminali , tant li Sir Andrew Jameson meta kien qed jigi abbozzat il-Kodici Penali Malti kien osserva fir-Rapport tieghu fir-rigward li :-

"It is doubtful whether acts of this kind would not be better left to the operation of the ordinary civil remedies by way of interdict of or claim for damages....." (Ara Prof. Sir Anthony Mamo - Notes on Criminal Law" (Parti Speciali) Vol. II)

Illi l-elementi tar-reat in dizamina gew magisterjalment migbura fid-definizzjoni analitika moghtija mill-Imhallef W. Harding fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza **" Il-Pulizija vs. Giuseppe Bonavia et**. " (App.Krim. 14.10.1944 , Vol.XXXII - IV , p.768) u dawn jinkludu :-

a) att estern li jimpedixxi persuna ohra minn dritt li hija tgawdi, u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew implicitu ta' dik il-persuna .
b) l-imputat irid jemmen li qed jagixxi bi dritt ;
c) ix-xjenza tal-imputat li qed jiehu b'idejh dak li suppost jiehu tramite l-process legali ;
d) li l-att ma jinkwadrax ruhu f'reat aktar gravi .

Illi kif dejjem gie ritenut element importanti kostituttiv ta' dar-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-agir ta' dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jezercita dritt li jahseb li ghandu ghad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' haddiehor per ezempju . Ghalhekk hemm bzonn li issir indagni fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li ikkommettiet dar-reat biex taghmel dak li ghamlet . L-element materjali invece jikkonsisti filli wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu id-dgawdija taghha.

Ir-reat ma jissussistix meta l-att materjali jikkonsisti fir-retenzjoni ta' pussess li dak li jkun gja ikollu . Hemm bzonn li jkun hemm att pozittiv li jippriva lit-terz , jew ifixklu fil-pussess tal-haga ghax kif jghid il-CARRARA (Prog. Parte Speciale Vol.5 para. 2850 :-

"L' atto esterno deve privare altro contro sua voglia di un bene che gode . Chi e' nell'attuale godimento di un bene e continua a goderne a dispetto di chi non voglia ; non delinque perche' la legge protegge lo "stato quo" , il quale non puo' variarsi tranne per consenso degli interessati o per decreto della autorita' giudiziale .

Il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Abela** iddikjarat kif gej:[9]

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Georgina Gauci**, deciza fis-7 ta' Jannar 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) qalet hekk:

"[F]il-ligi taghna r-reat ta' ragion fattasi mhux meqjus bhala delitt kontra l-proprjeta' izda bhala delitt kontra l-amministrazzjoni tal-gustizzja u amministrazzjonijiet pubblici ohra".

Illi l-Qorti tinnota li huwa ormai stabbilit li l-elementi kostitutivi tar-reat ta' ragion fattasi, huma erbgha, u cioe:

---

[9] 13.10.2014 per Onor Magistrat Dr. Neville Camilleri; Kump. Nru 866/2011

> "(1) att estern li jispolja lil xi hadd iehor minn haga li jkun qiegħed igawdi, liema att ikun ezegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-hadd iehor;
>
> (2) il-kredenza li l-att qiegħed isir b'ezercizzju ta' dritt;
>
> (3) il-koxjenza fl-agent li hu qiegħed jagħmel di private braccio dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita` pubblika (jew, fi kliem il-Crivellari, Il Codice Penale per il Regno d'Italia Interpretato ecc., Torino, 1895, Vol. VI, pagna 749, 'la persuasione di fare da se` cio` che dovrebbe farsi reclamando l'opera del Magistrato'); u
>
> (4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi (ara, fost diversi sentenzi, Il-Pulizija vs. Salvatore Farrugia, Appell Kriminali 14 ta' Dicembru, 1957, Vol. XLI.iv.1506; Il-Pulizija vs. Carmel sive Charles Farrugia, Appell Kriminali 17 ta' Frar, 1995; Il-Pulizija vs. Carmelo Ciantar, 18 ta' Settembru, 1996; ara wkoll Falzon, G., Annotazioni alle Leggi Criminali (Malta), 1872, p. 123).
>
> Hu risaput - u dan, del resto, johrog mill-istess definizzjoni tar-reat in dizamina - li l-istess att materjali jista' jagħti lok għar-reat ta' ragion fattasi jew għal reat iehor (hsara volontarja, serq), u jekk ikunx hemm dana r-reat ta' ragion fattasi jew xi reat iehor ikun jiddependi mill-intenzjoni tal-agent. Hu rrelevanti jekk dina l-intenzjoni tikkwalifikax bħala intenzjoni specifika jew intenzjoni generika".[10]
>
> Ovvjament huwa sufficjenti li jikkonkorru l-ewwel tliet elementi. <u>Għall-finijiet tar-reat ta' ragion fattasi huwa bizzejjed xi forma ta' pussess</u>. [emfazi tal-Qorti]

Ghalhekk fuq skorta ta' din il-gurisprudenza kif ukoll tenut kont tar-rizultanzi processwali, l-ewwel imputazzjoni ma gietx soddisfacentement ppruvata sal-grad rikjest mill-ligi u dan peress li l-parti leza ma kellhiex il-pussess ta' xi wiehed mid-diversi propjetajiet msemmija. Lanqas ma kienet qed tgawdi xi dritt fuq il-propjetajiet msemmija, anzi bix-xhieda taghha *viva voce* teskludih!

**Il-Qorti lanqas ma tista ma tikkumentax dwar il-fatt li aktar ma jghaddi zmien minflok ma partijiet ifittxu li jindirizzaw il-lanjanzi taghhom fil-forum kompetenti, u cioe' fil-qrati civili, jaghzlu li jifthu proceduri penali li qatt ma jistghu iwasslu sabiex tali lanjanzi jigu rizolti definittivament. Dan hu abbuz serju tal-Qrati tal-Gustizzja kif ukoll tas-servizzji tal-Pulizija Ezekuttiva li ma jistax jibqa' jigi tolerat.**

Rigward it-television, Carmela tikkonferma li t-television ma kienx fil-pussess taghha izda taghtu lill-hutha meta kienu qed jghixu fid-dar t'ommhom.[11] Ghalhekk l-konsiderazzjonijiet gja` maghmula japplikaw anke f'dan ir-rigward. L-istess jinghad dwar l-*identity card,* il-*yellow card* u *blue disabled card* ta' Giovanna: *"janey <u>qaltli</u> li qeghdin id-dar fejn kellhom it-television taht it-television gol-pocket. God-dar t'ommhi."*[12] Apparti ghall-fatt li dak mistqarr minn Janey

[10] Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Mario Lungaro**, 18 ta' Novembru, 1996.

[11] **Dok.ASH** a fol.4

[12] **Dok ASH** a fol.7

jibqa' *hearsay* u ghalhekk inammissibbli, Carmela qatt ma kellha l-pussess ta' dawn l-oggetti jew kienet tgwadi xi dritt fuqhom. Jekk kien hemm xi hadd f'din il-posizzjoni kienet propju Janey, fejn id-drittijiet taghha setghu jigu tutelati billi l-prosekuzzjoni tressaq il-kuratrici taghha sabiex taghti x-xhieda taghha bil-ghan li tigi sostanzjata l-ewwel imputazzjoni.

It-tieni imputazzjoni tirrigwarda l-hsara volontarja: Hsara Volontarja

Ma ngabet l-ebda prova ammissibli biex tissostanzja din l-akkuza. Carmela wasslet ghal din il-konkluzzjoni semplicement ghax hekk intqal lilha minn Janey, *"Meta staqsejt lil janey hux vera inkiser, qaltli ma nafx ghax Doris qaltli biex nghid li nkiser"*.[13] Imbghad in kontro-ezami tixhed hekk:

> *Dr. Gauci : int ma rajt il hadd ikisru it television*
> *Xhud : le jien*
> *Qorti : kif taf li kien bil hsara imma*
> *Xhud : m ghedtlexk li kien bil hsara*
> *Qorti : hawn hekk il kaos hu gharraqt jew hassart hwejjeg ta haddiehor u cioe hsara fuq it television*
> *Xhud : le it television xtrajt wiehed gdid u sliftu lil ohti biex toqghod kwieta halli toqghod tara it television*
> *Qorti : ehe*
> *Xhud : wara tlett xhur tlabtu lil ohti u qaltli hudu u ghedtila newwiluli inti u qallti it television inkiser, ghedtila inkiser kif ghedtilh kissirtu ghax inti biss ghandek access ghal hemm*
> *Qorti : inkiser jew kissirtu qaltlek*
> *Xhud : inkiser qaltli*

Lanqas fuq din l-imputazzjoni ma tista tinstab htija.

Fl-isfond ta'dan kollu, il-Qorti hi perplessa kif il-prosekuzzjoni, li taghha huwa d-dmir ahhari li tizen u tiddeciedi jekk ghandhomx jittiehdu passi kriminali fil-konfront ta' persuna, ghazlet li tipprocedi wkoll fil-konfront ta' Amanda Montebello meta ma ngabet lanqas l-icken prova li, anke jekk ghal gieh l-argument l-akkuzi gew ppruvati kontra ommha, kellha xi sehem fl-ghemil ta' ommha.

It-Tielet Imputazzjoni: Attendenza f'Ghassa

[13] **Dok ASH** a fol.5

Rigward it-tielet imputazzjoni li tirrigwarda esklussivament lil Maria Dolores Montebello, diversi huma l-affidavits ta' ufficjali tal-Pulizija li jikkonfermaw li Maria Dolores Montebello intalbet tirrikorri l-Ghassa tal-Mosta f'April, 2019.

**WPC343 Daniela Healey** tikkonferma li wara li nhar it-**3 t'April, 2019** Maria Dolores giet ikkuntatjata biex tmur l-ghassa u ma marrietx, fil-**5 t'April** thallitilha *letter to call* fis-**6 t'April bejn 1pm-8pm jew fis-7 t'April bejn il-5am u 1pm.** Kien fl-10pm meta bitha, Amanda, *"stqarret li ommha ma tistax tigi l-ghassa f'dawn id-dati peress li l-avukat kien imsiefer."* Tenut kont li Maria Dolores baqghet ma marritx l-ghassa fl-ebda minn dawn il-jumejn, PS1350 u PC544 regghu rrikorrew fir-residenza taghha w thallietilha *letter to call* ohra fejn inghatat ghazla bejn **l-10 t'April bejn is-1pm-8pm jew l-11 t'April bejn il-5am-1pm**. Maria Dolores xorta ma maarietx. PS1350 Christian Xuereb jikkonferma dawn il-fatti u jzid li l-ewwel darba marru jhallu *letter to call* PC926 kien mar ma PC544 fir-residenza tal-imputata filwaqt fit-tieni okkazzjoni mar hu flimkien ma PC544.

L-iskambju bl-*email* esebit mill-abbli difensur tal-imputata datat it-28 ta' Marzu, 2019, jirreferi ghal data precedenti ghal dawk imsemmija fejn "l-appuntament" mal-Ispettur Zammit kien *"propost ghal ghada"* u cioe` id-29 ta' Marzu, 2019.[14]

Fil-fatt l-akkuzi odjerni jirreferu ghal **sejjhiet kemm bil-fomm kif ukoll b'avviz bil-miktub** li saru fix-xahar t'<u>April</u> 2019! Minn total ta' **5 dati alternattivi**, l-imputata wriet menefregizmu lampanti ghas-sejhiet tal-awtoritajiet meta ghazlet tinjora ir-rikjesti sabiex tattendi l-Ghassa. Jidher li lanqas lill-legali taghha ma avzat ghaliex li kieku dan kien minnu, kif ghamel f'Marzu, 2019 (meta ghan-nom taghha u bid-dovut rispett ghall-ordni moghti legittimament lilha, ikkomunika mal-ufficjal investigattiv sabiex tinstab data alternattiva), ma kien hemm l-ebda kommunikazzjoni simili fir-rigward tad-dati ta' April. B'hekk l-imputata Maria Dolores Montebello ma jirrizultax li hadet xi pass sabiex taderixxi mal-obbligi taghha naxxenti minn sejha tal-awtoritajiet tal-pulizija ai termini tal-Artikolu 355AD tal-Kodici Kriminali.

Ghandu jinghad ukoll li meta persuna tigi msejjha tattendi f'Ghassa, ma ghandhiex tqoghod tistenna l-kumdita` tal-avukat taghha, izda tmur mill-ewwel hekk kif inhu l-obbligu car impost mill-ligi. Imqarr jekk biex tigi mgharrfa ghal xhiex giet msejha u dan anke b'rispett ghall-obbligi legali taghha li jitnisslu mill-artikolu citat.

Jekk imbghad, talvolta li tkun attendiet kif dovuta, u wara li tigi mgharrfa ghal xhiex il-Pulizija tkun sejhitielha, dik il-persuna tigi mitluba taghmel xi stqarrija

---

[14] **Dok.JG**

jew taghti xi dettalji ohra, ikun f'dak il-waqt li tinisiti ghall-presenza tal-legali taghha. Izda persuna ma tistax taghzel meta tmur l-ghassa meta tkun komda hi, jew meta jinstab hin komdu ghall-avukat taghha, sakemm ma jkunx gja sar arrangament simili mal-istess awtoritajiet.

F'dan il-kaz jirrizulta li kien hemm arrangament simili ghal meta giet msejjha f'Marzu izda mhux ghad-drabi l-ohra f' April meta l-pulizija thallew jistennewha fid-dati alternattivi li hi giet offruta biex tattendi.

Talba ai termini tal-artikolu 355AD tal-Kodici Kriminali issir sabiex tghin lill-pulizija tissokta bl-investigazzjonijiet taghha. Ghalhekk l-investigazzjonijiet tal-pulizija, di natura urgenti peress li si tratta ta' reat, ma ghandhomx jiddependu minn jekk ikunx komdu ghall-persuna tobdi sejha ghall-attendenza go ghassa. Ordni hi Ordni! Mhix kwistjoni li tista' tinnegozzja dwarha!

Hu precizament dan l-agir li l-legizlatur ried jissanzjona bl-artikolu 355AD tal-Kodici Kriminali. Minn fuq li Maria Dolores Montebello giet murija kortezija u nghatat cans li taghzel hin li l-aktar kien jakkomodaha, giet taqa' w tqum mill-awtoritajiet investigattivi.

**Il-pulizija u l-ordnijiet taghha jisthoqqilhom rispett u ghandhom jigu aderiti f'kull hin,** ***senza se e senza ma***. Altrimenti xi skop hemm li jkun hemm istituzzjonijiet bhal Pulizija Ezekuttiva, fdati mill-Istat biz-zamma tal-ordni jekk jithalla fid-diskrezzjoni ta' persuna josservax jew jikkalpestax ordni legittima? Ma ngabet l-ebda prova li b'xi mod tibda biex tispjega ghaliex l-imputata f'xejn inqas minn hames dati alternattivi – u dan jekk jigu kkunsidrati biss il-*letters to call* ta' April, 2019 – baqghet ma rrikorietx l-Ghassa kif mitluba.

Ghal dawn il-mottivi, filwaqt li tillibera lill-imputati mill-ewwel zewg imputazzjonijiet, wara li rat l-artikolu 355AD tal-Kodici Kriminali, issib lill-imputata Maria Dolores Montebello hatja tat-tielet imputazzjoni, u tikkundannaha ghal detenzjoni ta' tmint (8) ijiem.

Finalment in vista tal-allegazzjoni maghmula ta' uzu frawdolenti mill-imputati ta' *disabled card* fuq van bin-numru ta' registrazzjoni EBP205,[15] il-Qorti tordna l-Kummissarju tal-Pulizija sabiex minnufih wara li jiehu konjizzjoni tax-xhieda ta' Carmela Muscat u ritratti minnha esebiti fir-relazzjoni tal-espert tekniku, tinvestiga din l-allegazzjoni.

---

[15] **Dok.ASH** a fol.7 Dan juri ritratt ta' jeny fuq il-*windscreen*

Tordna li kopja tal-istess xhieda u ritratti flimkien ma kopja ta' din is-sentenza tintbghat lill-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD) ghal kull azzjoni li jidrilhom opportuna.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**